32005R0301

24.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA’ L-UNJONI EWROPEA L 51/15

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 301/2005

## tat-23 ta' Frar 2005

## li jemenda għall-44 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma’ Usama bin Laden, in-netwerk ta’ Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma’ Usama bin Laden, in-netwerk ta’ Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta’ ċerti oġġetti u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta’ titjiriet u jestendi l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi finanzjarji oħra fir-rigward tat-Taliban tal-Afganistan[1], u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fis-17 ta' Frar 2005, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċida li jemenda l-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens.

(3) Biex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

1 ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 187/2005 (ĠU L 31, 4.2.2005, p. 4).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Frar 2005.

*Għall-Kummissjoni*

Benita FERRERO-WALDNER,

*Membru tal-Kummissjoni*

# ANNESS

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

– L-annotazzjonijiet li ġejjin għandhom jiżdiedu taħt l-intestatura "Persuni naturali":

L-annotazzjoni 'Muhsin Al-Fadhli (magħruf ukoll bħala (a) Muhsin Fadhil 'Ayyid al Fadhli (b) Muhsin Fadil Ayid Ashur al Fadhli, (ċ) Abu Majid Samiyah, (d) Abu Samia). Indirizz:

Blokk 4, Triq 13, Dar Nru 179, il-Belt tal-Kuwajt, Żona Al-Riqqa, il-Kuwajt.

. Data tat-Twelid: … 24.4.1981. Numru tal-passaport: Passaport tal-Kuwajt Nru 106261543